# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 30**
**Rikors Guramentat Numru : 960/2015/LSO**

**Philip Scerri (I.D. 273285 M) u Jessica Scerri Giordano (I.D. 254085 M) f'isimhom proprju u fil-kapacita' taghhom ta' kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Emily Scerri *sive* Emily Scerri Giordano**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Philip Scerri (I.D. 273285 M) u ta' Jessica Scerri Giordano (I.D. 254085 M) f'isimhom proprju u fil-kapacita' taghhom ta' kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Emily Scerri *sive* Emily Scerri Giordano datat 9 ta’ Ottubru 2015 fejn Philip Scerri bil-gurament tieghu kkonferma:

Illi nhar is-16 t'Awwissu 2015 l-esponenti Philip Scerri u Jessica Scerri Giordano kellhom tarbija fiz-zwieg li giet moghtija l-isem "Emily";

Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4 (3) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta): "Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skont l-artikolu 292 A, kunjom xbubit ommhom [...]";

Illi skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 292A tal-istess imsemmi Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta: "Min jaghti l-avviz tat-twelid ghandu wkoll jikkonsenja dikjarazzjoni mill-genituri tat-tifel li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tifel ikun ser juza fit-termini ta' artikolu 4 (3) [...], u dak il-kunjom ghandu jkun registrat fil-kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bin it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom" fl-att ta' twelid minnufih wara dak l-isem jew ismijiet";

Illi, nhar is-26 t'Awwissu 2015, l-esponenti ghamlu d-dikjarazzjoni imsemmija fl-Artikolu 292 A sucitat, li permezz

taghha huma ddikjaraw li l-kunjom li Emily kienet ser tuza fit-termini tal-Artikolu 4(3) sucitat, kellu jkun "Scerri Giordano", u dan kif jirrizulta minn kopja tal-istess dikjarazzjoni hawn annessa bhala DOK: A;

Illi, madanakollu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat naqas milli jirregistra l-kunjom "Scerri Giordano" fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom" kif dikjarat mill-esponenti u, minflok, irregistra biss il-kunjom "Scerri", u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-estratt tal-istess att ta' twelid hawn annesa bhala DOK: B;

Illi l-esponenti minn dejjem riedu li binthom Emily tinghata l-kunjom "Scerri Giordano", ossija kunjom missierha l-esponent Philip Scerri, u kunjom xbubit ommha l-esponenti Jessica Scerri Giordano;

Illi minkejja li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ntimat gie interpellat sabiex jikkoregi l-att ta' twelid ta' Emily, ossija sabiex jirregistra l-kunjom "Scerri Giordano", kif dikjarat mill-esponenti skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 292 A tal-kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, minflok il-kunjom "Scerri", l-istess Direttur intimat baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi l-esponenti jixtiequ illi ssir il-korrezzjoni necessarja sabiex fl-att ta' twelid ta' Emily jigi registrat il-kunjom "Scerri Giordano", skont id-dikjarazzjoni tal-esponenti tas-

26 t'Awwissu 2015, minflok il-kunjom "Scerri" li gie registrat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:

1 Tordna, skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), l-pubblikazzjoni ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Tiddikjara illi l-kunjom li kellu jigi registrat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat, skont id-dikjarazzjoni maghmulha mill-esponenti nhar is-26 t'Awwissu 2015 ghal finijiet tal-Artikolu 292 A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa "Scerri Giordano" u mhux "Scerri" kif erronjament registrat mill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

3. Tordna, konsegwentement, korrezzjoni fl-Att ta' Twelid relattiv, ossija att numru 4417 tal-2015, billi fil-kolonna intestata: "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom" jigi registrat l-isem: "Emily Scerri Giordano" minflok l-isem "Emily Scerri" kif erronjament registrat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

4. Tordna illi l-isem "Emily Scerri Giordano" jibqa' jigi uzat fl-atti civili l-ohra kollha, successive.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 10 ta' Novembru 2015 (fol 20) fejn Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in linea* preliminari, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega, li permezz taghha Philip Scerri u Jessica Scerri gew mahtura bhala kuraturi *ad litem* in rapprezentanza ta' binthom minuri Emily Scerri skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 781 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni ta' kunjom il-minuri Emily kif mitlub fir-rikors in risposta izda tirrileva illi minkejja li huwa minnu li fuq id-dikjarazzjoni *ai termini* ta' Artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sottomessa mir-

rikorrent Philip Scerri bhala ddikjarant fuq l-att tat-twelid ta' bintu Emily li jgib in-numru progressiv ta' erbat elef, erba' mija u sbatax (4417) tas-sena elfejn u hmistax (2015), huwa ddikjara li l-kunjom tal-imsemmija minuri kellu jkun 'Scerri Giordano', u bi zvista fuq l-att tat-twelid tal-istess minuri, l-kunjom li tnizzel kien biss 'Scerri', madanakollu l-esponenti issostni illi qabel ma l-att in kwistjoni jghaddi ghar-registrazzjoni, l-att jigi mghoddi lil persuna li tkun ghamlet in-notifika sabiex tara li l-informazzjoni fl-att hija korretta u biex sussegwentament tiffirma l-istess. Ghaldaqstant f'dan il-kaz l-att gie ccekjat u ffirmat minn missier il-minuri, cioe` Philip Scerri, b'dan li kien qieghed jaccetta l-informazzjoni fl-istess att. B'hekk id-Direttur tar-Registru Pubbliku m'ghandux jigi akkoljat bl-ispejjez tal-proceduri istanti;

4. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

5. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Alexander Schembri ghall-attur prezenti u Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Dr Borg irrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti fir-rigward tat-tieni eccezzjoni. Xehed bil-gurament tieghu Philip Scerri, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Frar 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti *nomine* qed taghmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* **tal-artikolu 254 tal-Kap.16** saret debitament skont il-Ligi nhar is-16 ta' Ottubru 2015 (Fol 12 tal-process), u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' binthom, imwielda fis-16 ta' Awwissu 2015, billi kunjomha

gie registrat bhala 'Scerri' filwaqt li kienu debitament ddikjaraw, fit-termini tal-**Artikolu 292A tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, li l-kunjom li xtaqu li tkun maghruf bih kien 'Scerri Giordano."

Illi qabel xejn b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni sollevata, ir-rikorrenti Philip u Jessica, konjugi Scerri, ghandhom flimkien is-setgha ta' genitur fir-rigward ta' binthom u b'hekk huma awtorizzati *ex lege* li jidhru ghal binthom fl-atti kollha tal-hajja civili u jirrapprezentawha in gudizzju. Ghalhekk din il-Qorti ma jidhirlix li hemm il-htiega ta' awtorizzazzjoni *ad hoc* sabiex jidhru ghaliha u jaghmlu t-talba odjerna, gjaladarba qed jagixxu flimkien.

Illi mill-atti jirrizulta li Philip Scerri pprezenta d-dikjarazzjoni rikjesta bl-**artikolu 292A tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta skont liema:

"*Min jaghti l-avviz tat-twelid ghandu wkoll jikkonsenja dikjarazzjoni mill-genituri tat-tifel li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tifel ikun ser juza fit-termini ta' artikolu 4 (3) [...], u dak il-kunjom ghandu jkun registrat fil-kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bin it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom" fl-att ta' twelid minnufih wara dak l-isem jew ismijiet";*

Minn din id-dikjarazzjoni, kopja ta' liema hija esebita bhala **Dok A** a fol 6 tal-process, jirrizulta li Philip Scerri iddikjara li l-kunjom li kellu jinghata lit-tarbija huwa 'Scerri Giordano." Dan mhuwiex ikkontestat mill-intimat Direttur.

**Ikkonsidrat** li skont l-istess artikolu ccitat, dak li jigi dikjarat "*ghandu jkun registrat"* fic-certifikat tat-twelid bhala l-kunjom li bih it-tarbija ghandha tigi msejha. Dan hu tassattiv u jimponi obbligu fuq l-intimat li jnizzel il-kunjom hekk dikjarat.

Dan ma sehhx fil-kaz odjern bi zvista mill-impjegati addetti mad-Dipartiment. L-intimat eccepixxa li ma hemm l-ebda zball da parti tieghu billi qabel ma jghaddi l-att ghar-registrazzjoni, l-att jigi mghoddi lil persuna li tkun ghamlet in-notifika sabiex tara li l-informazzjoni fl-att hija korretta u tiffirmah.

Huwa minnu li din hija l-procedura amministrattiva addottata mill-Intimat izda b'hekk ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilita' ewlenija li itnkombi fuqu mil-Ligi stess, li jirregistra dak iddikjarat skont l-artikolu 292A tal-Kap. 16. Id-dikjarant da parti tieghu, ghandu l-obbligu li jikkonsenja dikjarazzjoni korretta u f'kaz ta’ zball, jerfa' hu r-responsabbilita' tieghu. Imma fil-kaz odjern, l-izball sar min-naha tal-amministrazzjoni u l-Intimat ghandu jerfa' r-responsabbilita' tieghu altrimenti l-htiega tad-dikjarazzjoni ma jservi l-ebda skop.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti filwaqt li tiddikjara wkoll lill-Intimat responsabbli ghall-izball li sar u taddebitalu l-ispejjez gudizzjarji u dawk inkorsi ghall-korrezzjoni mehtiega.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet skont dan li gej:

1 Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba billi l-pubblikazzjoni rikjesta saret.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-kunjom li kellu jigi registrat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat, skont id-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti ghall-finijiet tal-Artikolu 292 A tal-Kodici Civili ta' Malta huwa "Scerri Giordano" u mhux "Scerri" kif erronjament registrat mill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna, konsegwentement, li ssir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid numru 4417 tal-2015, billi fil-kolonna intestata: "*Isem jew ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom*" jigi registrat l-isem u kunjom: "*Emily Scerri Giordano"* minflok l-isem u kunjom "*Emily Scerri*" kif erronjament registrat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna illi l-isem "*Emily Scerri Giordano"* jibqa' jigi uzat fl-atti civili l-ohra kollha, successivi u sussegwenti.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata

ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez kollha gudizzjarji u dawk mehtiega ghall-korrezzjoni jithallsu mill-Intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**25 ta’ Frar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**25 ta’ Frar 2016**